

It-Tletin Ħadd tas-Sena

# Aħbar Tajba

Sir 35, 12-14.16-18
Salm 33, 2-3.17-18.19 u 23
2 Tim 4, 6-8. 16-18
Lq 18, 9-14

"Għax kull min jitkabbar, jiċċekken;
**u min jiċċekken, jitkabbar."**

Qatt lgħabt il-logħba famuża 'Jenga'? Din il-logħba tidher waħda sempliċi għall-ewwel li taraha. Tibda b'torri magħmul minn ħafna strixxi tal-injam ftit ħoxnin. Kull saff tat-torri magħmul minn tliet strixxi ħdejn xulxin. L-għan ta' din il-logħba hu wieħed, li ttawwal kemm tiflah dan it-torri billi tneħħi xi strixxi minn hawn u minn hemm u żżidhom fuq. Imma rridu noqgħodu attenti. Aktar ma ngħolew aktar it-torri se jsir instabbli, u miskin dak li minħabba fih l-istruttura kollha tispiċċa ċatta mal-art!

Fl-Evanġelju tal-lum Ġesù qed jgħidilna biex noqgħodu attenti għax faċli ħajjitna tispiċċa qisha logħba 'Jenga'. Imma flok daqxejn ta' torri tal-injam, f'din il-logħba nispiċċaw ngħollu lilna nfusna. Flok l-istrixxi tal-injam nużaw ħafna ftaħir żejjed biex kull darba li nifthu ħalqna ngħolew 'il fuq qisu bħalna qatt ma kien hawn. U jekk il-logħba sabiħa bit-torri ċkejken twassal biex grupp ta' ħbieb jieħdu gost u jilgħabu flimkien, il-logħba l-oħra li nilgħabu f'ħajjitna tispiċċa taqtagħna minn sħabna. Għax il-ftaħir dak li jagħmel. Ma jagħmilniex persuni aħjar jew aktar kapaċi imma jaqtagħna 'l fuq bħal dak it-torri tal-injam twil twil. Imma ma ninsewx li l-istorja tat-torri ma tieqafx b'torri twil u sabiħ, imma b'ħafna strixxi tal-injam jiġru 'l hawn u 'l hemm.

Naħseb ħadd minnha ma jixtieq jiġrilu bħall-imsejken torri. Ġesù, fil-ġrajja tal-lum jurina x'għandna nagħmlu biex ma jiġrilnix hekk. Fl-istorja li rrakkonta ma jitkellimx biss fuq xi ħadd li moħħu biex jiftaħar fuq kemm hu tajjeb, imma jsemmilna lil xi ħadd ieħor, il-pubblikan. Dan b'rasu baxxuta talab lil Alla biex iħenn għalih għax kien żbalja. Ġesù jikkonkludi l-parabbola tiegħu billi jpoġġilna lil dan il-pubblikan bħala mudell. Mudell għax ma qgħadx jgħolli lilu nnifsu u jitkabbar u fuq kollox mudell għax meta żbalja, ammetta l-iżball tiegħu u talab maħfra.

Ġesù mhux jistenna minna li ma niżbaljawx. Li jistenna mingħandna hi li meta nindunaw, nammettu l-iżball tagħna u nitolbu maħfra. Dan ikun l-ewwel pass biex nirbħu dak l-iżball ħalli ma nibqgħux nitfixklu fih. U hekk, inkunu nistgħu nikbru f'persuni għal qalb Alla li tant iħobbna u mhux inkunu torri twil imma li faċli jaqa' għal wiċċu!

## Sib il-Kelma

Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.
PARABBOLA, FARIŻEW, PUBBLIKAN, TEMPJU, INĠUSTI, GĦEXUR, NSUM, JITKABBAR, JIĊĊEKKEN

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| O | P | A | R | A | B | B | O | L | A |
| R | U | N | I | N | Ġ | U | S | T | I |
| F | B | A | GĦ | E | X | U | R | T | O |
| Ż | B | A | E | L | L | N | IE | W | T |
| E | L | IE | K | Ħ | Z | V | E | L | E |
| J | I | T | K | A | B | B | A | R | M |
| J | K | P | U | H | O | Ġ | T | R | P |
| F | A | R | I | Ż | E | W | W | Ż | J |
| J | N | T | M | N | S | U | M | R | U |
| J | I | Ċ | Ċ | E | K | K | E | N | M |





## Nitolbu mall-Qaddisin

Din il-ġimgħa se niftakru b'mod speċjali fil-missjunarji li f'ħajjithom laqgħu s-sejħa ta' Alla li jxandru l-ħniena tiegħu f'artijiet oħra. Għalhekk ejjew nitolbu bil-kliem tal-qaddis Papa Ġwanni Pawlu II

Ħares bi tjieba Mulej
fuq il-missjunarji tagħna,
saċerdoti, reliġjużi u lajċi
li telqu kollox biex ikunu
xhieda tal-kelma
u l-imħabba tiegħek.
Kun għall-kull wieħed
u waħda minnhom
"il-protettur qawwi tagħhom
li tweżinhom, id-dell tagħhom
fix-xemx ta' nofs il-jum,
ir-refuġju tagħhom mir-riħ
tad-deżert, il-gwida tagħhom
kontra kull tfixkil u s-sigurtà
tagħhom kontra l-qtigħ il-qalb..."
Saħħaħhom f'mumenti diffiċli,
iggwida l-qawwa tagħhom,
farraġ lil qalbhom
u ppremja l-ħidma tagħhom
b'ħafna rebħiet spiritwali.
Tħallihomx ifittxu s-suċċess
jew il-ġid ta' din id-dinja,
imma biss ir-rebħa tiegħek
u l-ġid tal-erwieħ.
Ħa jkun is-Salib tiegħek,
li jakkumpanjahom tul ħajjithom,
li jkellimhom fuq l-erojiżmu,
iċ-ċaħda u l-paċi. Kun il-hena
tagħhom, il-gwida tagħhom,
id-dawl u l-qawwa tagħhom,
sabiex ismek ikun mxandar
kullimkien u li, imdawrin
b'numru dejjem akbar ta'
wliedek, ikunu jistgħu jkantaw
innu ta' tifħir, ta' glorja u
salvazzjoni. Ammen.






**Promozzjoni**

# Issa tista' tirreklama
## fuq dan il-fuljett

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**




AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre
YOUTHEME FOUNDATION